MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 39/2012

Kawza fil-lista: 23

**A B**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**C D sive E F, u G H u I B bhala kuratrici ad litem tal-iben minuri J F**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu wara li ppremettiet:-

Illi hija kienet mizzewga lill-konvenut C D F u minnu sseparat legalment permezz ta' sentenza tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-tmienja (8) ta' April 2003;

Illi l-esponenti kienet ilha separata de facto minn mar-ragel taghha ghal tul ta' zmien, f'liema perjodu qatt ma kellha x'taqsam sesswalment mieghu;

Illi hija bdiet relazzjoni ma' G H u minnu kellha wild li jismu J F u li twieled nhar il-25 ta' Ottubru 2000;

Illi l-minuri J F gie registrat fuq isem ir-ragel taz-zwieg u cioè C D F filwaqt li l-missier naturali ta' l-istess minuri huwa l-konvenut G H;

Illi kemm C D F kif ukoll G H jafu b'dan u accettaw li l-minuri J hu bin G H bhala stat ta' fatt wara li sar test tad-DNA li jikkonferma dan;
Illi ghalhekk ikun korrett u gust li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelied ta' J F u fil-fatt ilu jrabbih sa minndu twieled;

Talab lil din l-Qorti:

1. Tiddikjara li G H huwa l-missier naturali tal-minuri J F u ssir id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-imsemmi J F liema certifikat igib in-numru progressiv 4169 li ddahhal fl-2000 u fejn hemm l-isem ta' C D F u floku jidhol l-isem "G H" li ghandu Karta tal-Identita' bin-numru 265569M, ghandu 42 sena, twieled il-Pieta' i joqghod Santa Venera bin Carmelo u Maria assunta nee'Borg u jsir it-tibdil l-iehor kollu li hemm bzonn, u t-tibdil isir fl-atti l-ohra relatati u sussegwenti;.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat ir-rikors tal-attrici sabiex il-Qorti toghgobha tinnominaha bhala kuratrici ad litem tal-minuri J F ghall-fimijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Rat ir-risposta guramentat tal-konvenut G H li permezz taghha espona:

Illi huwa jikkonferma l-kontenut kollu tar-rikors promotur li pprezentat l-attrici, bil-fatti u d-dettalja kollha kif esposti;

Illi in vista tal-premess, ma jpopponix ruhu ghat-talbiet atrici;

Rat ir-risposta guramentat tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona:

1. Illi in vera preliminari, l-esponent jissottometti li hemm kunflitt ta' interess in kwantu A B qeghda tidher bhala rikorrenti kif ukoll bhala kuratrici ad litem in rapprezentanza tal-intimat minuri J F. Ghaldaqstant l-esponent jirrileva l-htiega li jigi mahtur kuratur ad litem iehor u, in segwitu, korrezzjoni fl-okkju tal-kawza bl-applikazzjoni tal-arkolu 175 (1) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll, stante l-fatt li ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelied tal-minuri J F, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' MAlta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri J F, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghall-prodediment tal-azzjoni odjerna;

3. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri J F, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat ui ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri J F ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

5. Illi, dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attrici, l-esponent jinvita lill-istess G H sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri J F, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel J F. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit J F.

6. Illi subordinament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem C Kritin sive E F, senjament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 4169 tas-sena 2000;

7. Illi subordinament dejjem, bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-minuri J F trid taghzel liema kunjom ha jzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

8. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar.

Rat ir-rikors tal-attrici u d-digriet datat 20 ta' Marzu li permezz tieghu laqghet it-talba u irrevokat in-nomina ta' A

F bhala kuratur u tinnomina minflok lil Vincenza sive I B u tordna l-korrezzjoni opportuna fl-okkju;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentat mill-attrici u x-xhieda moghtija via voce.

Ikkonsidrat:

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li tifel J F li twieled fil-25 ta' Ottubru 2000 u li fl-att tat-twelid tieghu numru 4169 tas-sena 2000 giet registrata bhala bin il-konvenut C D F huwa fil-fatt iben il-konvenut Mark H.

**Provi**
Illi mill-provi jirrizulta provat li l-attrici kienet fethet kawza ghas-separazzjoni personali taghha minn ma zewgha C D sive E F fil-10 ta' Ottubru 2000; u permezz tas-sentenza tat-8 ta' April 2003 ta' din il-kawza l-attrici sseparat legalment minn ma' zewgha. Qabel din id-data hija kienet ilha li abbandunat id-dar matrimonjali u sseparata de facto minnu u tghix fir-residenza separata ghal numru tas-snin u tul dawn is-snin qatt ma kellha relazzjonijiet intimi ma' zewgha.

Illi, kif ikkonferma ukoll il-konvenut Mark H kienet inbdiet relazzjoni bejniethom u kien ikollhom x'taqsam flimkien sesswalment regolarment inkluz iz-zmien li fih gie ikkoncepiet it-tifel u fil-perjodu qabel it-twelid tal-minuri. Ghalhekk it-tifel J F, li twieled u b'rizultat ta' dan fil-25 ta' Ottubru 2000 huwa wild naturali ta' dan il-konvenut Mark H.

Il-konvenut Mark H li ghad ghandu relazzjoni tajba u jghix ma' l-attrici flimkien mal-minuri J F sallum dejjem ha hsiebu u ikurrah bhala missieru.

It-testijiet tad-DNA jikkonfermaw xjentifikament din it-tezi ta' l-attrici.

**Konsiderazzjonijiet:**

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-kawza giet intavolata fit-terminu legali dettat mill Artikolu 73 tal-Kapitolu 16;

Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija ntiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita twassal ghal kreazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.

2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwqiziti huma sodisfatti.

**Decide**
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa it-talba u tiddikjara li G H huwa l-missier naturali tal-minuri J F. Tordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-imsemmi J F liema certifikat igib in-numru progressiv 4169 li ddahhal fl-2000 u fejn hemm l-isem ta' C D F u l-konnotati tieghu u floku jidhol l-isem "G H" u l-konnotati tieghu li ghandu Karta tal-Identita' bin-numru 265569M, ghandu 42 sena, twieled il-Pieta' li joqghod Santa Venera bin Carmelo u Maria assunta nee'Borg u jsir it-tibdil l-iehor kollu ancillari.

Tawtorizza li l-istess minuri juza l-kunjom H fejn H hu kunjom missieru.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut Mark H in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------